MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 450/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-26 ta’ Novembru 2001 permezz ta’ rit civili fit-Turkija liema zwieg sussegwentement gie registrat hawn Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Peress illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar sentejn tant li l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali sabiex jghix ma' mara ohra certu D gewwa *omissis (post)* fejn ghadu jghix sal-lum;

Peress li r-rikorrenti kellha tmintax-il sena meta zzewget lill-intimat u l-partijiet damu biss johorgu flimkien ghal sitt xhur u minghajr il-kunsens tal-genituri taghha;

Peress li r-rikorrenti kienet ghall-btala t-Turkija meta ddecidew hemmhekk li jizzewgu minghajr ebda preparamenti u minghajr il-kunsens tal-genituri taghha;

Peress li minn dakinhar taz-zwieg bdew il-problemi meta l-intimat ried li jibqa' jghix hajja ta' guvni, johrog kuljum, jilghabhom, igieghel lir-rikorrenti tkun hbieb mal-partners nisa li jkollu;

Peress li kemm damu mizzewgin il-partijiet ma kellhomx tfal ghax l-intimat kien jirrifjuta li jkollu t-tfal minghand ir-rikorrenti tant li matul dan iz-zwieg qatt ma kellhom full intercourse;

Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Novembru 2001 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B fejn dan eccepixxa:

Illi huwa mhux qed jaqbel li z-zwieg ta' bejnu u bejn martu huwa null u bla effett.

Illi l-esponenti jirritjeni li z-zwieg tieghu huwa wiehed validu.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara nullita' taz-zwieg taghha mal-konvenut, u din it-talba qed issir peress illi qed jigi allegat vizzju tal-kunsens tal-partijiet minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew anomalija psikologika serja. Qed jigi allegat ukoll illi kunsens taz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet izzewgu fit-Turkija wara li kienu ltaqghu Malta xi sitt xhur qabel. Il-genituri tal-attrici ma kinux gew mgharrfa b'dan minn qabel. Il-koppja ghamlu xi zmien jghixu mal-genituri tal-attrici pero' wara ftit marru jghixu ghal rashom. L-attrici tikkonferma bil-gurament, u ommha taqbel maghha f'dan, illi l-problemi mal-ewwel bdew ghax il-konvenut qatt ma ghex ta' ragel mizzewweg. Baqa' johrog mal-hbieb bhal qabel, u kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra fuq bazi regolari. Ukoll, kellu l-vizzju tal-loghob.

Mill-kwadru ta' provi prodotti, il-Qorti tiskarta mill-ewwel l-ewwel kawzali migjuba f'din il-kawza. Ma jirrizulta minn

imkien fil-provi li xi hadd mill-partijiet kien ibati minn xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, wisq anqas ta’ xi anomalija psikologika. Lanqas ma jirrizulta mill-provi l-qerq li hi t-tielet raguni li qed tingieb ghan-nullita’ ta’ dan iz-zwieg.

Mhux l-istess jista’ jinghad pero’, ghat-tieni raguni li qed tingieb biex jigi dikjarat null iz-zwieg. Ghalkemm il-provi prodotti f’din il-kawza jirrigwardaw dak li gara f’din ir-relazzjoni wara l-ghoti tal-kunsens, il-Qorti tikkonsidra li dawn jitfghu dawl fuq l-assjem psikologiku tal-konvenut b’tali mod li jwassal lil dak li jkun biex jikkonkludi li dan ir-ragel qatt ma kellu intenzjoni li jidhol f’dik ir-rabta dejjiema u fidila kreattiva ta’ komunjoni ta’ hajja u mhabba li effettivament tikkostitwixxi z-zwieg.

Ghalkemm il-konvenut, min-naha tieghu, irrisponda ghall-kawza u sostna li z-zwieg tieghu kien verament zwieg validu, dan ma gab ebda prova lil din il-Qorti sabiex b’xi mod jirribadixxi dak li kkonfermaw martu u ommha bil-gurament taghhom. Lanqas xi ritratti li wieghed li jipprezenta bhala prova qatt ma wasal biex jipprezenta. Il-Qorti ghalhekk m’ghandha ebda raguni tiddubita l-fatti konfermati mill-attrici u dan ukoll b’referenza partikolari ghall-fatt illi miz-zmien meta abbanduna d-dar matrimonjali kompletament, il-konvenut ikkuntattja lil martu biss fl-okkazzjonijiet meta b’theddid, esiga l-firma taghha b’konnessjoni mal-permess tieghu biex jibqa’ Malta.

Dawn il-Qrati, fil-materja ta’ eskluzjoni pozittiva taz-zwieg, esprimew ruhhom hafna drabi u l-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak espress fis-sentenza, “Josette Spiteri nee’ Scicluna vs George Spiteri” (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell, fid-9 ta’ Frar, 2001):

“Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f’diversi sentenzi ta’ din il-Qorti (ara, inter alia, “Anna Galea vs. John Walsh”, (30 ta’ Marzu, 1995) u “Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech”, (14 ta’ Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens

matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.";

Kif ukoll, dak espress fis-sentenza "John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri (deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002):

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Novembru 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------